MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2009

Numru. 1226/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR RAYMOND CASSAR**

**KONTRA**

**FIONA BRINCAT**
**BILLIE JANE MAMO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Fiona Brincat ta’ 26 sena, bint missier mhux maghruf u Emanuela Brincat, mwielda Pieta nhar it- 3 ta’ Settemrbu 1982, residenti fil- fond St. Joseph Flat 5, Triq

Testaferrata Msida u detentrici tal- Karta tal- Identita' bin-numru 484582(M);

U

Billie Jane Mamo ta' 24 sena, bint Emanuel Mamo u Lois Anne nee' Robisheau, mwielda Pieta nhar is- 7 ta' Frar 1984, residenti fil- fond 99, Triq San Xmun, San Pawl il-Bahar u detentrici tal- Karta tal- Identita' bin- numru 150184(M);

Li gew imressqa quddiemha sabiex iwiebgu ghall-imputazzjonijiet:

Talli:

1) fit- 22 u 24 ta' Novembru 2008, f'hinijiet differenti fil- Belt Valletta, ikkommettew serq ta' mobile phones li jiswew hames mitt Ewro (€500) ghad- dannu tal-kumpanija Go u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil- valur;

2) u aktar talli fl- 24 ta' Novembru 2008 u fil- jiem ta' qabel, f' hinijiet differenti f'dawn il- Gzejjer xjentament xtraw u/jew laqghu ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew, jew xjentament, b'kull mod iehor li jkun iddahhal f'dawn il- Gzejjer biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti huma gejjin minn serq ikkwalifikat bil- valur.

Lil Fiona Brincat wehidha talli:
3) kisret il- kundizzjoni imposta fuqha mill- Qorti tal-Magistrati ta' Malta u cioe' liema kundizzjonijiet gew imposti fuqha mill- Magistrat Dr. Lawrence Quintano LL.D nhar is- 27 ta' Ottubru 2008
4) u aktar talli saret recidiva ai terminu tal- Artikoli 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta nhar id- 29 ta' Ottubru 2006 liema sentenza hija definittiva u li ma tistax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputati, irregistraw ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidraw sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputati, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li ssib htija fihom ghar-reat kommess minnhom, u tghaddi minnufih ghas-sentenza. Mis-sottomissjonijiet maghmula mill-partijiet, il-Qorti hadet il-fehma li l-imputati ghandhom bzonn ta' sorveljanza kostanti f'hajjithom, in vista ukoll tat-tifel minuri li huma qed irabbu flimkien. Ghalhekk, kwantu ghall-piena, il-Qorti sejra taghti ordni ta' Probation skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmija imputati hatja u ghaldaqstant toedna lill-imputati jitqieghdu taht Ordni ta' Probation ai termini tal- Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta ghal tlett (3) snin.

Il- Qorti spjegat il- portata tas-sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------